**29 ta' Marzu, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Giorgina Aquilina

*versus*

Victor Gatt

**Artikolu 748 (1) u (2) (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Kompetenza "ratione valoris" — Valur inċert jew indeterminat — Spejjeż tal-kawża.**

*Skond l-artikolu 748 (1) u (2) (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-valur inċert jew indeterminat jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata, u jitqiesu bħala li għandhom valur li ma jistax jiġi determinat il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba ta' l-attur.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attriċi talbet illi, prevja d-dikjarazzjoni li l-parti kbira tax-xogħol ta' tibjid magħmul mill-konvenut b'inkariku tagħha fil-fond numru III, Bognor Beach, San Pawl il-Baħar, hu ħażin billi ma ġiex magħmul skond is-sengħa u l-arti, u prevja l-aċċertament permezz ta' periti nominandi ta' liema parti mix-xogħol hi fil-fatt ħażina, l-istess konvenut jiġi kkundannat jerġa' jagħmel, f'dak it-terminu perentorju li jiġi lilu stabbilit, taħt id-direzzjoni ta' perit arkitett, dawk ix-xogħlijiet kollha li jiġu minn din il-Qorti ordnati bħala konsegwenza ta' l-inadempjenza tiegħu, b'dan li jekk jgħaddi inutilment iż-żmien li jiġi lill-istess konvenut stabbilit, l-istess attriċi tkun awtorizzata tagħmel hija ix-xogħlijiet kollha ordnati għas-spejjeż ta' l-istess konvenut u b'dawk il-modalitajiet li l-Qorti timponi. Bl-ispej-

jeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-tmienja (8) ta' Novembru, 1960;

Omissis;

Tikkunsidra:

Mir-relazzjoni peritali jirriżulta illi fix-xogħol imsemmi fl-att ta' ċitazzjoni, li sar mill-konvenut, hemm parti li hi tajba; parti oħra li hi ħażina ħtija tal-konvenut, u parti oħra li, għalkemm hi difettuża, iżda dak id-difett mhux ħtija ta' min esegwixxa x-xogħol, jiġifieri tal-konvenut. Ix-xogħol li ma sarx skond is-sengħa u l-arti jinsab f'xi ħitan tal-kamra ta' barra tal-pjan terran u f'dik ta' fuqha, fl-ewwel sular. Għalkemm f'dawn il-kmamar hemm xi ħitan fejn ix-xogħol sar sodisfaċentement; iżda mhux possibbli li jitranġaw biss il-ħitan fejn ix-xogħol, jiġifieri t-tibjid, hu difettuż, għax it-tibjid il-ġdid ma jista' qatt jiġi jaqbel ma' qadim u għalhekk il-ħitan kollha ta' dawn iż-żewġ ikmamar jkollhom jitbajdu mill-ġdid minn fuq s'isfel u biex ix-xogħol isir sewwa hu meħtieġ li ż-żewġ kmamar jinbarxu sewwa u wara tingħatalhom tibjida bil-ġir abjad, u wara li din tinxef sewwa jingħataw żewġ passati tibjid bil-ġir miżjud bil-kulur, u qabel ma nbeda l-brix tal-ħitan jeħtieġ li tittieħed prekawzjoni sabiex l-aperturi ta' l-injam ma jintlewx bit-trab tal-ġir u bit-titjir tat-tibjid.

L-istanza, għaldaqstant, għandha tiġi milqugħa.

Tikkunsidra:

Billi fl-imsemmija relazzjoni jingħad illi "biex jitranġa dan ix-xogħol li l-attriċi lmentat minnu għax ma sarx skond is-sengħa u l-arti, tinħtieġ in-nefqa komplessiva ta' għaxar liri (£10)", il-konvenut issottometta (verbal in data ħmistax (15) ta' Marzu. 1963) li l-kawża jmissha saret quddiem il-

Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għal Għira ta' Malta, u kwindi għandha tbati hija d-differenza bejn is-somma ta' l-ispejjeż ta' din il-kawża u s-somma ta' dawk li kienu jiġu nkorsi kieku l-istess kawża saret quddiem l-imsemmija *Qorti*;

Dina l-pretensjoni tal-konvenut, iżda, ma tistax tiġi milqugħa għaliex skond l-artikolu 748 (1) u (2) (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-valur inċert jew indeterminat jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata u jitqiesu dejjem bħala li għandhom valur li ma jistax jiġi determinat il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba ta' l-attur u fil-każ in ispeċie ma jistax ċertament jingħad li l-valur hu determinat mit-talba, billi, skond l-artikolu 749 tal-kodiċi ċitat, il-valur hu determinat mit-talba meta din hija għall-ħlas ta' somma determinata u meta din *hija għall-ħlas* ta' somma determinata u meta hija għal ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f'xi kitba oħra obbligatorja bejn il-partijiet, jew bil-fehma ta' kulħadd (common repute), jew bil-prezz korrenti, ċirkostanzi li ċertament ebda waħda minnhom ma tirrikorri fil-każ preżenti. Infatti t-talba hija għall-aċċertament tax-xogħol li sar ħażin u għall-kundanna tal-konvenut biex jerġa' jagħmel sewwa dawk ix-xogħlijiet li jkunu ġew rikonoxxuti ħżiena. Kemm hi l-ispiża għall-esekuzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet la hija ndikata fit-talba u lanqas tista' tiġi stabbilita bil-mezzi fuq indikati li tagħti l-liġi; u. *difatti, it-titolu* li huwa bażi għall-azzjoni f'dan il-każ ma jeżistix, almenu in riferenza għall-ispiża neċessarja biex isiru x-xogħlijiet, u lanqas ma setgħat l-ispiża tiġi determinata permezz ta' opinjoni komuni jew prezz korrenti għaliex bosta huma l-elementi li kienu indeterminati meta saret it-talba. L-ispiża setgħet biss tiġi determinata permezz ta' perizja meta jkun ġie aċċertat, permezz ta' perizja, liema huma x-xogħlijiet li saru ħażin (mhux skond l-arti u skond is-sengħa) u x'hemm bżonn li jsir biex daw ix-xogħlijiet jerġgħu

jsiru sewwa, dak li, però, flimkien mal-kundanna tal-konvenut biex jagħmel dawn ix-xogħlijiet neċessarji, jikkostitwixxi l-oġġett tat-talba.

Il-konvenut irrileva wkoll (verbal fuq imsemmi) illi hemm lok għal temperament favur tiegħu fid-deċiżjoni dwar min għandu jħallas l-ispejjeż billi "fil-waqt li l-attriċi ppretendiet bosta, ma ħaqqiex, skond ir-relazzjoni peritali, ħlief is-somma żgħira ta' għaxar lira (£10);" iżda, fil-fehma tal-Qorti, ma hemmx lok għall-imsemmi temperament favur il-konvenut billi, avut rigward għat-talba u għar-riżultat *tal*-perizja, ma jistax jingħad li l-attriċi hi telliefa f'xi punt jew parti tal-kawża.

Omissis.